Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 590/2014AE

**Perit Martin Xuereb ezercenti kummerc bhala Martin Xuereb & Associates**

**Vs**

**Peter Sullivan u Brigette Sullivan**

It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-2 ta' Lulju 2014, l-attur ippremetta:

*Illi d-ditta tar-rikorrenti Martin Xuereb & Associates giet inkarigata illi tezegwixxi xoghol ta' interior design mill-konvenuti konjugi Sullivan fir-residenza taghhom li tinsab f'Numru 17, Triq il-Palazz Capua, Sliema;*

*Illi dan l-inkarigu nghata lid-ditta tar-rikorrenti tramite l-impjegata taghha Jacqueline Attard illi tahdem mar-rikorrenti bhala interior designer;*

*Illi s-servizzi pprestati mid-ditta tal-attrici kienu jinkludu kemm xogholijiet li saru gewwa l-fond in kwistjoni kif ukoll ghal xogholijiet li saru fil-gnien u l-pool area tal-istess fond;*

*Illi l-valur tax-xogholijiet miftiehem li gew kompluti ghas-sodisfazzjon tal-intimati jammonta ghal sbatax-il elf erba' mija u erbgha u sittin ewro €17,464 kif jirrizulta minn zewg invoices, wahda ghas-servizzi ghax-xogholijiet li saru fuq gewwa u l-ohra ghax-xogholijiet li saru fuq barra, liema invoices datati 31 ta' Ottubru 2013 qeghdin jigu ezebiti u mmarkati bhala Dok MX1 u MX2;*

*Illi l-ammont dovut fiz-zewg invoices gie ikkalkulat permezz tas-schedule of fees li nghataw lill-konvenuti bhala quotation tal-fees tad-ditta tar-rikorrenti liema Schedule of Fees qeghdin jigu ezebiti u mmarkati bhala Dok MX3, MX4, MX5 u MX6;*

*Illi meta ntbaghtu l-kontijiet lill-konvenuti dawn bdew isibu hafna skuzi ghaliex m'ghandhomx ihallsu fosthom illi huma qatt ma qabdu lid-ditta tar-rikorrenti imma lil Jacqueline Attard personalment, illi x-xoghol ma sarx sew, illi l-prezz kien gholi wisq ghax-xoghol li sar, fost ohrajn;*

*Illi l-konvenuti talbu breakdown tal-ammont li nghata lilhom tramite r-rapprezentant legali (Dok MX7 u Dok MX8);*

*Illi sal-lum ma sar ebda pagament u ghalhekk ghadu dovut l-ammont kollu ta' sbatax-il elf erba' mija u erbgha u sittin ewro €17,464;*

*Illi mitlubin diversi drabi biex ihallsu anke permezz ta' Ittra Ufficjali bin-numru 3779/2013 datata 9 ta' Dicembru 2013 (Dok MX9) u minkejja diversi tentattivi sabiex jigu evitati dawn il-proceduri l-konvenuti baqghu inadempjenti;*

*Illi r-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

Ghaldaqstant, l-attur jitlob għar-ragunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' sbatax-il elf erba' mija u erbgha u sittin ewro €17,464 raprezentanti prezz ta' servizzi ta' interior design kif fuq indikat u;*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' sbatax-il elf erba' mija u erbgha u sittin ewo (€17,464).*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 3779/2013 tad-9 ta' Dicembru 2013 u tal-mandat ta' Sekwestru numru 899/2014, kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ingunti ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data taz-zewg invoices.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fit-28 ta' Lulju 2014, il-konvenuti wiegbu:-

*1. Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn l-esponenti u r-rikorrent Martin Xuereb.*
*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-servizzi rezi mir-rikorrenti ma kenux skond is-sengha u l-arti.*
*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedent, l-ammont pretiz mir-rikorrent huwa eccessiv u ezagerat.*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

1. Il-kawza titratta talba ghall-hlas ta' €17,464 ghal xoghol ta' *interior design* li l-attur qal li sar fil-fond numru 17, Triq il-Palazz Capua, Sliema. Din is-sentenza titratta **l-ewwel eccezzjoni** tal-konvenuti, li jsostnu li m'ghandhomx relazzjoni guridika mal-attur ghaliex l-inkarigu kien inghata lil Jacqueline Attard.

2. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuti bnew l-argument taghhom fuq bran minn sentenza tal-Qorti tal-Appell[1] fil-kawza **Legend Real Estate Ltd vs Ron Chetcuti**[2]:

[1] Imhallef P. Sciberras.
[2] Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2003.

*"Hija haqa minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor" (**Frank Cilia nomine –vs- Charles Scicluna**", deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992; "**Anthony Caruana et – vs- John Magro et**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999)".*

3. Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti[3], u tosserva:-

    i. Jacqueline Attard hi impjegata tal-perit Martin Xuereb, li hu missierha u li ghandu d-ditta Martin Xuereb & Associates.
    ii. Ghalkemm jirrizulta li ghall-progett il-konvenuti kienu nkarigaw lill-perit Malcom Sullivan, neputi tal-konvenut, madankollu mill-provi rrizulta li d-ditta Martin Xuereb & Associates toffri servizz ta' *interior design*. Il-perit Malcolm Sullivan ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan l-aspett tal-progett.
    iii. Hu veru li ma jidhirx li l-attur personalment kien qieghed jinvolvi ruhu fl-*interior design* li kellu jsir fil-fond tal-konvenuti. Ix-xoghol kienet qeghda taghmlu bintu bl-ghajnuna ta' mpjegati ohra mill-ufficcju. Ghalkemm l-attur ma kienx qieghed jinvolvi ruhu personalment, ma jfissirx li ma tezistix relazzjoni guridika bejn il-kontendenti.
    iv. Originarjament Jacqueline Attard marret tara l-fond fejn kellu jsir ix-xoghol, u ltaqghet mal-konvenuta. Sussegwentement saret laqgha fl-ufficcju tad-ditta Martin Xuereb & Associates.
    v. Jacqueline Attard qalet li impjegata mill-ufficcju kienet marret tiehu ritratti fil-fond in kwistjoni. Fatt li ma giex kontestat mill-konvenuti u li jindika li kien hemm impjegati tal-attur li kienu qeghdin jassistu lil Jacqueline Attard fix-xoghol li kellu jsir.
    vi. Matul iz-zmien il-konvenuti kienu inghataw xi dizinji, relatati mas-sistema tal-elettriku, kcina u kamra tal-banju, li kienu qeghdin jigu ppreparati fl-ufficcju tad-ditta. Fuq id-disinji hemm il-kliem Martin Xuereb & Associates [ara Dok. JA7 (fol. 71)]. Ghalkemm il-konvenut xehed: *"Qatt ma ghaddieli minn mohhi li jien klijent ta' mxa, Martin Xuereb & Associates"* (fol. 85), minn dawn id-dokumenti kien car li kellhom x'jaqsmu ma' din id-ditta. Ghalkemm il-perit Sullivan xehed li Jacqueline Attard kienet semmietlu *".... li kienet tuza' l-facilitajiet tal-ufficcju fejn kienet tahdem"*[4], ir-raguni tghidlek li kieku kienet qeghda taghmel ix-xoghol privatament ma kinitx ser taghmel il-logo tad-ditta fuq id-dizinn. L-istess hemm emails li baghatet lill-konvenut, b'isem id-ditta that isimha[5]. Fattur iehor li jindika li Attard kienet

---

[3] Jinkludu noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet dwar din l-eccezzjoni.
[4] Seduta tal-15 ta' Gunju 2015.
[5] Ara per ezempju emails datati 3 ta' Jannar 2011 (fol. 52) u 26 ta' April 2011 (fol. 71).

qeghda twettaq il-progett in rapprezentanza tal-principal taghha.

vii. Sahansitra kien hemm email datata 28 ta' Jannar 2011 li ntbaghatet minn Marta Grosoli lill-konvenut u Jacqueline Attard (fol. 71), fejn taht isimha hemm il-logo tad-ditta tal-attur. Irrizulta li Grosoli hi mpjegata tal-attur. Il-konvenuti kienu ghalhekk konxji li kien hemm persuna ohra mill-ufficcju tal-attur li qeghda tahdem fuq il-progett. Fatti li jsahhu l-fehma tal-qorti li l-konvenuti kienu jafu li Jacqueline Attard kienet qeghda taghmel ix-xoghol mhux f'isimha taghha izda in rapprezentanza tal-principal taghha.

viii. Il-konvenut xehed: *"Peress illi missierha ghandu ditta ta' Periti, ahna zgur li ma konniex se nahdmu biha li kieku nafu li r-relazzjoni kienet ma' ditta ta' periti, ghaliex ahna gia kellna l-perit taghna"* (fol. 76). Irrizulta li d-ditta tal-attur toffri wkoll servizz ta' *interior design* filwaqt li l-perit Malcolm Sullivan ma kellu x'jaqsam xejn mal-*interior design* tad-dar. Ghalhekk 'il fatt li l-konvenuti kellhom diga' perit ta' fiducja taghhom, ma jfissirx li jeskludi li jingaggaw id-ditta tal-attur ghall-*interior design* tad-dar.

Fil-fehma tal-qorti minn dawn ic-cirkostanzi l-konvenuti kienu jafu li ghandhom x'jaqsmu mad-ditta Martin Xuereb & Associates. Dan minkejja li Nicholas Vassallo[6] xehed li qatt ma rrefera ghall-attur meta semma lil Jacqueline Attard bhala persuna li taghmel xoghol ta' *interior design*, u li kien introduciha mhux bhala l-impjegata tal-attur *"... imma bhala bicca xoghol li taghmilha ghal rasha"*[7]. F'dan ir-rigward l-istess xhud qal ukoll li:

i. ma jafx x'setghu ftehemu l-konvenuti ma' Attard;
ii. qatt ma kien prezenti ghal laqghat li setghu saru bejn il-konvenuti u Attard;
iii. ma kienx involut fil-progett;

**Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tordna li jitkompla s-smiegh tal-kawza. Spejjez a karigu tal-konvenuti**.

Anthony Ellul.

[6] Kien gharus ta' bint il-konvenuti u mpjegat tal-attur.
[7] Seduta tal-15 ta' Gunju 2015.